**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 170 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Tarcisio Camilleri**

Illum 20 ta' Settembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Tarcisio Camilleri detentur tal-karta tal-identita Maltija 0640450M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-31 ta' Jannar,2023 bejn 12:30hrs u 13:45hrs Triq Icilio Calleja, Żebbuġ nsulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Magri Maria Amalja u Magri Mary.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' April, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u ikkundanatu ammenda ta' erbgħin Euro (€40).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Tarcisio Camilleri, preżentat fl-4 ta' Mejju, 2023, fejn talab li din l-Qorti thassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu u prevja li tisma' l-provi hi stess ammenoche' ma jidrilhiex li għandha tirrimanda l-atti lura lill-Ewwel Qorti, tillibera lill-imputat mill-akkuża migjuba kontra tiegħu.

Rat l-aggravji mressqa mill-appellant Tarcisio Camilleri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta illi huwa ma ingħatax smigħ xieraq mill-Ewwel Qorti u dan meta ma kienx assitit mill-avukat tiegħu u allura ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq. Igħid illi għalkemm il-kawża kienet appuntata għal ħin tad-9:30am, pero' ssejħet fl-10:15am, meta l-avukat tiegħu kien impenjat quddiem qorti oħra. Jikkontendi illi għalkemm għarraf lill-Qorti b'dan u anke ċempel lill-avukat tieghu sabiex jattendi, l-Qorti ipprosegwiet bis-smigħ tal-każ sabiex meta finalment wasal id-difensur tiegħu l-kawża kienet waslet kważi fit-tmiem tagħha. Illi għalkemm id-difensur tiegħu talab lill-Ewwel Qorti sabiex tisma' ix-xiehda tiegħu, madanakollu din ċaħdet it-talba għaliex huwa kien diġa' ddikjara li ma xtaqx jixhed fl-assenza tal-avukat tiegħu. Jilmenta għalhekk li huwa ma ngħatax l-opportunita' jagħti l-verzjoni tiegħu kif imiss. Illi, imbagħad fit-tieni aggravju jisħaq illi ċ-ċitazzjoni hija nulla peress illi fiha l-partikolaritajiet tiegħu huma skorretti kif debitament ivverbalizżat, u l-Ewwel Qorti errat meta ċaħdet din l-eċċezzjoni ukoll.

Illi mill-verbal tal-uniku seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta illi meta ssejħet il-kawża l-avukat tal-appellant ma kienx preżenti u għalkemm imsejjaħ diversi drabi baqa' ma deherx. Wara dan l-Ewwel Qorti xortawaħda kompliet bis-smigħ tal-kawża. Hekk kif l-Prosekuzzjoni għalqet mill-provi tagħha, ġie ivverbalizżat:

> **"L-imputat jiddikjara li mhux ser jixhed.**
>
> **F'dan l-istadju deher Dr. Jose Herrera għall-imputat.**
>
> **Il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet ta' Dr. Philip Magri.**
>
> **Il-Qorti rat l-karta ta'l-identita tal-imputat.**
>
> **Dr. Jose Herrera għall-imputat jiddikjara illi l-imputat deher inassistit *ben che* li kien inkariga avukat tal-fiduċja tiegħu u għalhekk ma jafx jirregola ruħu u jitlob li jagħti x-xiehda tiegħu.**

**Dr. Philip Magri għall-parte ċivile jissottometti illi l-imputat ingħata mill-Qorti kull opportunita' li jixhed u jkun rappreżentat mill-avukat tiegħu u għaldaqstant it-talba għandha tiġi miċħuda peress illi saret wara l-għeluq tal-provi.**

**Il-Qorti tara li l-kawża kienet skedata għad-9:30a.m. u stenniet sal-10:15 am sabiex ikun preżenti kulħadd, illi sejjħet kemm il-darba lill-avukat difensur tal-imputat u tagħat l-opportunita' lill-imputat li jixhed illi għażel li ma jixhiedx, għaldaqstant stante illi l-kawża qed fis-sottomissjonijiet finali, il-Qorti tiċħad it-talba.**

**Seduta stante ġiet esebita vera kopja tal-karta tal-identita tal-imputat.**

**Il-Qorti tara li l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tal-karta ta'l-identita u d-dehra tal-persuna huma l-istess imputat preżenti fl-awla u jaqblu ma dak reġistrat fl-istess karta tal-identita, ghaldaqstant hija sodisfatt li l-persuna prezenti fl-awla huwa l-imputat.**

**Deċiża."**

Illi huwa evidenti mill-qari tal-verbal reġistrat quddiem l-Ewwel Qorti illi l-appellant indikalHa illi huwa kien inkariga avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex jassistih f'dawn il-proċeduri għalkemm mhux indikat hekk *verbatim*. Dan jemerġi mill-fatt illi meta ssejħet il-kawża, ġie imsejjaħ għal diversi drabi l-avukat Jose Herrera. Għalkemm l-avukat ma kienx preżenti, madankollu l-Ewwel Qorti xortawaħda pprosegwiet bis-smigħ tal-kawża u dan meta allura l-imputat ma kellux assistenza legali, għalkemm kien indika li kellu avukat u li allura ma kienx irrinunzja għal dan il-jedd li tagħtih il-liġi. Mhux biss iżda jidher illi l-Ewwel Qorti staqsiet lill-imputat jekk riedx jiddeponi u dan meta sa dak il-mument huwa kien għadu mingħajr assistenza legali. L-imputat injar mill-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu iddikjara li ma kienx ser jixhed. Fl-appell tiegħu huwa isostni illi ikkwalifika l-eżerċizzju tad-dritt tiegħu għas-silenzju fis-sens illi huwa ma xtaqx jiddeponi mingħajr l-avukat tiegħu preżenti. Issa għalkemm din il-kwalifika ma hijiex reġistrata fil-verbal, madanakollu minn dak li irriżulta iktar tard meta wasal finalment l-avukat tal-appellant fl-awla, jidher li ma kenitx ix-xewqa tal-appellant li ma jixhidx tant illi id-difensur tiegħu, talab biex l-appellant, allura imputat, jitħalla jiddeponi, iżda l-Ewwel Qorti għar-raġunijiet infraskritti fl-imsemmi verbal ċaħdet din it-talba.

Issa huwa minnu li l-appellant kien mixli biss b'reat ta' natura kontravvenzjonali, u huwa minnu ukoll illi kellu kull dritt jiddefendi lilu nnifsu mingħajr l-assistenza ta' avukat. Iżda ma jidhirx illi din kienet ix-xewqa tiegħu. Anzi, kif ingħad, mill-verbal reġistrat jidher illi huwa kien inkariga avukat sabiex jiddefendieh u ried li l-avukat

tiegħu jkun preżenti, iżda peress illi kien sar il-ħin u d-difensur tiegħu kien ġie imsejjaħ għal diversi drabi u baqa' ma deherx, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tkompli bis-smigħ tal-każ bl-imputat imċaħħad mill-assistenza ta' avukat.

Illi l-artikolu 519 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi:

> **Hu dmir tal-qrati ta' ġustizzja kriminali li jipprovdu għad-difiża ġusta tal-imputati jew akkużati ....**

Mhux biss iżda meta persuna imputata jew akkużata b'reat ma jkollhiex difiża adegwata l-Qorti għandha taħtar avukat hi stess sabiex jassistieha. Dan ifisser illi għalkemm il-qrati "*għandhom is-setgħa li ma jħallux li jsir fil-provi, fit-trattazzjoni jew fid-difiża, dak kollu li, fil-fehma tal-qorti, jista' jġib dewmien mhux meħtieg, jew ma jkunx rilevanti, jew ma jkollux x'jaqsam max-xorta tal-kawża,*[1]" madanakollu dan ma jeradikax mill-jedd tal-persuna akkużata illi jkollha dik l-assistenza legali meħtieġa sabiex tiddefendi lilha nnifisha. U meta dan ma jkunx possibbli l-Qorti għandha tara illi dik il-persuna tingħata l-assistenza meħtieġa.

Fil-fatt l-artikolu 570 jipprovdi illi jekk xi akkużat ma jkollux avukat huwa għandu jkun assenjat mill-Qorti dak l-avukat tal-għajnuna legali li, fil-każ tal-proċeduri sommarji, għandu jkun l-avukat li jkun imissu mill-elenku ta' avukati msemmija fl-artikolu 91 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex jassisti lill-akkużat f'dawk il-proċeduri. Dan dment li l-akkużat jew l-imputat ma juriex ix-xewqa li jiddefendi lilu nnifsu.

Illi dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi, għalhekk, jipprovdu l-qafas legali li jħares milli persuna mixlija b'xi reat quddiem il-qorti ma jkollhiex dik l-assistenza legali meħtieġa sabiex tkun tista' tiddefendi lilha nnifisha. Illi f'sentenza[2] mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fejn il-fattispeċje kienu simili għal każ odjern kien hekk deċiż:

> **"Din il-Qorti .... frankament tinsab preokkupata bis-sitwazzjoni li temerġi minn dak il-verbal fejn l-imputat, meta jasal il-mument sabiex jiddeċċiedi jekk għandux jixhed jew le, jitlob għall-assistenza tal-avukat u dan l-avukat jibqa' ma jidhirlux. In fatti l-ilment tal-appellant, u l-uniku lment tiegħu, jista' jkun biss li fi stadju partikolari u delikat, cjoe' meta jrid jiddeċiedi jekk jiħux il-pedana tax-xhieda jew le, talab għall-assistenza legali u din baqgħet ma ingħatatlux, bir-riżultat li hu ma xehedx. Qabel dana l-istadju ma**

---

[1] Ara artikolu 519(2) tal-Kodiċi Kriminali
[2] Il-Pulizija vs Joseph Falzon – 10/06/1994 App.Inf.

**jirriżultax li l-appellant, allura imputat, talab assistenza legali. Din il-Qorti tifhem u tapprezza s-sitwazzjoni li spiss, jekk mhux addirittura ta' kuljum, jinsabu fiha il-Qrati tal-Maġistrati fis-seduti tad-distretti jew bħal tat-traffiku jew tal-kolliżjonijiet, fejn ikun hemm lista enormi ta' kawżi, kollha imsejħin għad-disgħa ta' fil-għodu, u fejn il-Qorti trid timxi b'ċertu speditezza. Sitwazzjoni tixbah xi ftit lil dik odjerna kienet ġiet ikkunsidrata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-27 ta' Novembru, 1991 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Anthony Borg Cardona) v Victor Caruana et, fejn dik l-Onorabbli Qorti kienet ikkummentat fil-kliem li ġejjin dwar il-prassi li l-kawżi kollha jiġu imsejħin għad-disgħa bil-konsegwenza li l-avukati tal-kawżi li ma jkunux minn tal-ewwel fuq il-lista jibdew jillargaw u jistgħu jillargaw fil-mument ħażin jew ma jkunux preżenti fl-aktar mument, jew f'xi mument , importanti biex jassistu lill-klijenti tagħhom meta il-kawża tissejjaħ:**

> **"Il-Qorti tirrikonoxxi illi din il-prattika hija minnha nnifisha u tista', <u>f'ċirkostanzi kongruwi</u> twassal għal konsegwenzi ġuridiċi serji .... il-Qorti tissimpatizza vivament ma' dawn lilmenti ta'l-avukat difensur, u kif intqal din il-proċedura li ormaj hija tradizzjonali fil-Qrati, hija disordinata, frustranti u fuq kollox – kif intqal – hija riskjuża – u aleatorja għall-aħħar billi issegwi itinerarju ta' proċediment li jirrażenta il-preċipizju tal-inġustizzja proċedurali. Ħafna drabi dan il-proċediment jiżloq, imma ma jippreċiptax, u għalhekk, b'xi mod, wara ż-żelqa jerġa' jkun hemm il-qawmien, it-triq tajba terġa' tinqabad u kollox jiġi salvat. Imma r-riskji qegħdin hemm. Dan huwa gravi, u l-ġudikanti għandhom jirriflettu serjament u jaraw li għandhom l-obbligu li dak kollu li huwa proċeduralment aleatorju jiġi evitat.""**

Issa għalkemm f'dan il-każ taħt il-lenti tal-Qorti ma jirriżultax mill-verbal tas-seduta, kif ingħad, illi l-appellant għażel li ma jixhidx għaliex ma kienx hemm l-avukat tiegħu, madanakollu fir-rikors tal-appell tiegħu jikkontendi illi dan kien il-mottiv li wasslu jagħmel dik id-dikjarazzjoni, u, fi kwalunkwe każ, ġaldarba kien ċar illi l-appellant kien inkariga avukat sabiex jassistih, jikkonsegwi illi huwa ried ukoll illi l-avukat tiegħu jkun preżenti meta jkun mistoqsi mill-Qorti sabiex jagħmel dina l-għażla.

Kwindi, hija il-fehma ta' din il-Qorti illi l-Ewwel Qorti errat meta, ben konsapevoli tal-fatt illi l-appellant kien inkariga avukat sabiex jiddefendieh fil-kawża u allura ma kienx irrinunzja għal jedd li jkun assistit legalment, pproċediet bis-smigħ tal-kawża bl-appellant ma jkollu ebda forma ta' difiża. Tant hu hekk illi għalkemm meta mistoqsi mill-Qorti huwa stqarr illi ma kienx ser jixhed, madanakollu jidher illi din ma kenitx il-linja difensjonali li kienet ser tittieħed billi meta wasal l-avukat tiegħu, talab illi l-imputat jieħu il-pedana tax-xiehda, liema talba għal xi raġuni kienet miċħuda mill-Ewwel Qorti, għalkemm id-difiża ma kenitx għadha iddikjarat li ma kellhiex

aktar provi. Jikkonsegwi għalhekk illi l-Ewwel Qorti naqqset ukoll milli tosserva id-dettami tal-artikolu 374(i) tal-Kodiċi Kriminali, bid-difiża ma tingħatax l-opportunita' li tressaq il-provi tagħha kif mitlub u lanqas kien hemm xi dikjarazzjoni mid-difiża, illi din ma kellhiex provi oħra x'tipproduċi, jew li kienet għalqet mill-provi tagħha, qabel ma l-Ewwel Qorti pproċediet għas-sentenza, sabiex b'hekk hemm nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jġib miegħu it-tħassir mhux biss tas-sentenza, iżda ukoll tal-proċeduri fit-termini ta'l-artikollu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi għalhekk f'dan ix-xenarju probatorju kemm il-proċeduri kif ukoll is-sentenza appellata jippekkaw minn nuqqas ta' osservanza tad-disposizzjonijiet tal-liġi penali regolanti l-mod kif għandu jitmexxa l-każ, bid-difiża ma tingħatax l-opportunita' tressaq il-każ tagħha, iktar u iktar meta għal kważi it-tul tas-smigħ tal-kawża kollu l-appellant ma kienx debitament assistit kif kellu kull dritt skont il-liġi. Finalment din il-Qorti rriskontrat żball ieħor proċedurali li seħħ fil-mori tal-każ meta, għalkemm l-appellant iqanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' taċ-ċitazzjoni, din l-eċċezzjoni la tiġi reġistrata formalment fil-verbal u lanqas deċiża mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, bid-deċiżjoni tingħata permezz ta' digriet, kif indikat fl-imsemmi verbal, qabel il-pronunzjament tas-sentenza finali.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet ma jidhirx illi hemm lok illi l-Qorti tidħol biex teżamina it-tieni aggravju imqanqal mill-appellant.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tannulla l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll konsegwentement tannulla wkoll s-sentenza appellata. Tirramanda l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-każ jinstema' u jiġi deċiż skont il-liġi.

Edwina Grima

Imħallef